# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Silvio Magro]**

**vs**

**Marco Aquilina**

**Kumpilazzjoni Numru: 336/16**

**Illum, 20 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marco Aquilina detentur tal-karta tal-identita` numru 105069M.

Akkuzat talli:

> Nhar il-25 ta' Gunju 2016, ghall-habta tal-13:15hrs u qabel gewwa l-Ajruport Internazzjonali kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi munizzjon minghajr ma kellux licenzja (Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Kodici ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra li taghti l-piena taht it-regolament 49(2) tal-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti; u

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Stante ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Marco Aquilina hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u wara li rat l-Artikolu 5(1) u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tikkundannah ghal multa ta' seba' mitt Ewro (€700).

Inoltre, a bazi tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna l-konfiska tal-munizzjon (Dok SM1 u Dok SM2) a favur tal-Gvern ta' Malta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**